| 01.30pm | Il-Mirakli Ewkaristiċi – Christina u Francesca Cremona |
| 02.00pm | Sports Connection – Kenny Grima u Marcell Mejlaq |
| 02.30pm | Il-Knisja tal-Qala – kitba ta’ Anton Buttigieg, jaqra Frans Ghirxi |
| 03.00pm | The Beauty Corner – Angelica Cefai |
| 03.30pm | Mar-Ritmu tal-Banda – Karmnu Mizzi |
| 05.00pm | Rakkont: *Il-Forza tad-Destin* – kitba ta’ Emilio Lombardi, jaqra Mario Mifsud |
| 06.00pm | Mil-Leġjun ta’ Marija – Glorianne Cefai |
| 06.30pm | Xandira diretta tar-Rużarju mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Quddiesa tas-Sitt Jum tan-Novena |
| 07.55pm | Ixtri Ġurnata |
| 07.57pm | Talba u Innu ta’ Filgħaxija |
| 08.00pm | 106.3 Italia – Gordan Mifsud |
| 09.15pm | Xandira diretta tal-Kunċert Mużikali mill-Banda *Ite ad Joseph* |
| 10.30pm | Rumanz ® |
| 11.00pm | Mill-Arkivji ta’ Radju Leħen il-Qala ® |
| 11.30pm | Taħditiet fuq l-Agrikultura u l-Ortikoltura ® |
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Rakkont ® |
| 01.00am | Isma’ u Informa Ruħek ® |
| 01.30am | Il-Knisja tal-Qala ® |
| 02.00am | Mar-Ritmu tal-Banda ® |
| 03.30am | Quddiesa tas-Sitt Jum tan-Novena ® |

| | |
|---|---|
| 05.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30am | Mużika mas-Sebħ |
| 06.00am | Rużarju |
| 06.30am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 06.45am | O Ġużeppi Missier Tagħna |
| 07.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 07.45am | Il-Ħsieb tal-Jum – Dun Mikiel Borg |
| 08.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30am | Ixtri Ġurnata |
| 08.31am | Qomna Jew?! – Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai |
| 10.30am | Isma' u Informa Ruħek – Euchar Mizzi |
| 11.00am | Fl-Interess ta' Għawdex u l-Għawdxin – Joseph Farrugia |
| 12.00pm | Angelus |
| 12.02pm | Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | Il-Knisja Tfakkar Illum – Mary Josette Scerri |
| 12.05pm | Avviżi tal-Parroċċa – Antoine Cini |
| 12.15pm | Rumanz: *L-Imgħallaq bla Ħtija* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Alfred Attard |
| 12.45pm | Aqta' Pajjiżi – Matthew Bartolo, Ayrton Cremona u Adrian Vella |
| 01.30pm | Kristu, Ħajtu u Tagħlimu – Josephine Galea |
| 02.00pm | Mill-Arkivji ta' Radju Leħen il-Qala |
| 02.30pm | Stejjer Qosra ma' Victor – Victor Grech |
| 03.00pm | OASI.com – Patricia Buttigieg |
| 03.30pm | 60s Afternoon – Nancy Xerri u Antoine Cini |
| 05.00pm | Rakkont: *Il-Forza tad-Destin* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Mario Mifsud |
| 06.00pm | Il-Ministerjalità fil-Knisja – Arċ. Kan. Dr Joe Zammit |
| 06.30pm | Xandira diretta tal-Kant Solenni tal-Għasar mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Il-Konċelebrazzjoni tal-Ewwel Jum tat-Tridu |
| 08.10pm | Ixtri Ġurnata |
| 08.13pm | Talba u Innu ta' Filgħaxija |
| 08.15pm | S&I – Savio Portelli u Ivan Cefai |
| 09.15pm | Xandira diretta tal-għoxrin edizzjoni tal-*Gozo International Celebration* |
| 10.30pm | Rumanz ® |
| 11.00pm | Fl-Interess ta' Għawdex u l-Għawdxin ® |
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Rakkont ® |
| 01.00am | Isma' u Informa Ruħek ® |
| 01.30am | OASI.com ® |
| 02.00am | 60s Afternoon ® |
| 03.30am | Il-Konċelebrazzjoni tal-Ewwel Jum tat-Tridu ® |

## Il-Ħamis 2 t'Awwissu 2012

| | |
|---|---|
| 05.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30am | Mużika mas-Sebħ |
| 06.00am | Rużarju |
| 06.30am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 06.45am | O Ġużeppi Missier Tagħna |
| 07.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 07.45am | Il-Ħsieb tal-Jum – Dun Mikiel Borg |
| 08.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30am | Ixtri Ġurnata |
| 08.31am | Qomna Jew?! – Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai |
| 10.30am | Isma' u Informa Ruħek – Euchar Mizzi |
| 11.00am | Il-Ħajja: x'valur għandha llum – Maria Attard |
| 11.30am | Il-Barranin f'Raħalna – Ivan Cefai |
| 12.00pm | Angelus |
| 12.02pm | Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | Il-Knisja Tfakkar Illum – Mary Josette Scerri |
| 12.05pm | Avviżi tal-Parroċċa – Antoine Cini |
| 12.15pm | Rumanz: *L-Imgħallaq bla Ħtija* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Alfred Attard |
| 12.45pm | Aqta' l-Qwiel u l-Ħaġa Moħġaġa – Chelsi Cefai u Noella Mifsud |
| 01.30pm | Għaliex għandek tkun Kristjan u Kattoliku – Jessica Mizzi |
| 02.00pm | Sports Connection – Kenny Grima u Marcell Mejlaq |
| 02.30pm | Il-Knisja tal-Qala – kitba ta' Anton Buttigieg, jaqra Frans Ghirxi |
| 03.00pm | Leħen il-Kunsill Lokali – Ivan Cefai |
| 03.30pm | Music Matters – Nathan Portelli |
| 05.00pm | Rakkont: *Il-Forza tad-Destin* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Mario Mifsud |
| 05.30pm | Wilġa Biblika – Fr Charles Buttigieg |
| 06.00pm | Nirriflettu Ftit – Nancy Xerri |
| 06.30pm | Xandira diretta tal-Kant Solenni tal-Għasar mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Il-Konċelebrazzjoni tat-Tieni Jum tat-Tridu |
| 08.10pm | Ixtri Ġurnata |
| 08.13pm | Talba u Innu ta' Filgħaxija |
| 08.15pm | Music Menu – Sammy Mejlaq |
| 09.15pm | Zoom – Loren u Patricia Buttigieg |
| 10.30pm | Mill-Misraħ – xandira diretta tal-marċ brijuż tal-Ħamis |
| 11.00pm | Rumanz ® |
| 11.30pm | Il-Ħajja: x'valur għandha llum ® |
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Rumanz ® |
| 01.00am | Il-Barranin f'Raħalna ® |
| 01.30am | Isma' u Informa Ruħek ® |
| 02.00am | Il-Knisja tal-Qala ® |
| 02.30am | Il-Konċelebrazzjoni tat-Tieni Jum tat-Tridu ® |

| | |
|---|---|
| 05.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30am | Mużika mas-Sebħ |
| 06.00am | Rużarju |
| 06.30am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 06.45am | O Ġużeppi Missier Tagħna |
| 07.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 07.45am | Il-Ħsieb tal-Jum – Dun Mikiel Borg |
| 08.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30am | Ixtri Ġurnata |
| 8.31am | Qomna Jew?! – Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai |
| 10.30am | Isma' u Informa Ruħek – Euchar Mizzi |
| 11.00am | Il-Qala Lura fiż-Żmien – Karmnu Portelli |
| 11.30am | Il-Psikoloġija tas-Saħħa – Pamela Portelli |
| 12.00pm | Angelus |
| 12.02pm | Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | Il-Knisja Tfakkar Illum – Mary Josette Scerri |
| 12.05pm | Avviżi tal-Parroċċa – Antoine Cini |
| 12.15pm | Rumanz: *L-Imgħallaq bla Ħtija* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Alfred Attard |
| 12.45pm | Aqta' Din! – Josianne Bajada, Rossana Cremona, Miriam Mifsud, Jessica Mizzi, Amy Portelli u Marlene Rapa |
| 01.30pm | Żmien il-Ħsad – Terezina Cutajar |
| 02.00pm | Taħlita Informattiva – Joseph Cutajar |
| 03.00pm | Wirt Għawdex – Michael Carol Bartolo |
| 03.30pm | Friday Afternoon – Marcell Mejlaq |
| 05.00pm | Rakkont: Il-Forza tad-Destin – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Mario Mifsud |
| 05.30pm | Niftakru fl-Erwieħ tal-Purgatorju – Marinton Mizzi |
| 06.00pm | Nirriflettu Ftit – Josephine Cefai |
| 06.30pm | Xandira diretta tal-Kant Solenni tal-Għasar mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Il-Konċelebrazzjoni tat-Tielet Jum tat-Tridu |
| 08.10pm | Ixtri Ġurnata |
| 08.13pm | Talba u Innu ta' Filgħaxija |
| 08.15pm | Tagħna f'Tagħna – Charles Portelli |
| 09.15pm | Implosion – Manuel Mizzi |
| 10.30pm | Mill-Misraħ<br>• Dimonstrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp<br>• Tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall fil-pjazza<br>• Kummentarju waqt il-Logħob tan-Nar tal-Art |
| 12.30am | Rumanz ® |
| 01.00am | Il-Qala Lura fiż-Żmien ® |
| 01.30am | Il-Psikoloġija tas-Saħħa ® |
| 02.00am | Rużarju |
| 02.30am | Rakkont ® |
| 03.00am | Isma' u Informa Ruħek ® |
| 03.30am | Il-Konċelebrazzjoni tat-Tielet Jum tat-Tridu ® |

## Is-Sibt 4 t'Awwissu 2012 - LEJLET IL-FESTA

| | |
|---|---|
| 05.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 05.30am | Mużika mas-Sebħ |
| 06.00am | Rużarju |
| 06.30am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 06.45am | O Ġużeppi Missier Tagħna |
| 07.00am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 07.45am | Il-Ħsieb tal-Jum – Dun Mikiel Borg |
| 08.00am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 08.30am | Ixtri Ġurnata |
| 08.31am | Qomna Jew?! – Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai |
| 11.00am | Lejn il-Festa – John Paul Cefai |
| 11.30am | Salva lill-*Hangman*! – Chelsi Cefai |
| 12.00pm | Angelus |
| 12.02pm | Ixtri Ġurnata |
| 12.03pm | Il-Knisja Tfakkar Illum – Mary Josette Scerri |
| 12.05pm | Avviżi tal-Parroċċa – Antoine Cini |
| 12.15pm | Rumanz: *L-Imgħallaq bla Ħtija* – kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Alfred Attard |
| 12.45pm | Nitolbu bl-Evanġelju – Karmnu Portelli |
| 01.30pm | Melange – Josef Abela |
| 02.30pm | Mal-Bidu tal-Weekend – Rodiann Abela u Melanie Cefai flimkien mal-*mini dj* |
| 03.45pm | Saturday Hits Selection – Joseph Mizzi |
| 05.00pm | Sirt Nafek Aħjar – Ivan Cefai |
| 06.00pm | Nirriflettu Ftit – Mary Josette Scerri |
| 06.30pm | Xandira diretta tat-Translazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' San Ġużepp |
| 07.00pm | Il-Konċelebrazzjoni ta' Lejlet il-Festa |
| 08.10pm | Ixtri Ġurnata |
| 08.13pm | Talba u Innu ta' Filgħaxija |
| 08.00pm | The Golden Era – Alex Cali u Ivan Cefai |
| 09.00pm | Highlights – Albert Mizzi |
| 10.30pm | Mill-Misraħ<br>• Il-Marċ ta' Lejlet il-Festa<br>• Kummentarju waqt il-wirja spettakolari u unika tal-Logħob tan-Nar tal-Art |
| 01.00am | Rumanz ® |
| 01.30pm | Sirt Nafek Aħjar ® |
| 02.30am | Rużarju |
| 03.00am | Lejn il-Festa ® |
| 03.30am | Il-Konċelebrazzjoni ta' Lejlet il-Festa ® |

| | |
|---|---|
| 04.30am | Mużika mas-Sebħ |
| 04.45am | Maż-Żerniq fit-Talb |
| 05.30am | Xandira diretta tal-Quddiesa mill-Knisja Arċipretali |
| 06.15am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 06.30am | O Ġużeppi Missier Tagħna |
| 06.45am | Rużarju |
| 07.15am | Għodwa ta' Festa – Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai |
| 09.00am | Xandira diretta tal-Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Knisja Arċipretali |
| 10.30am | Nitkellmu mal-Arċipriet |
| 11.00am | L-Awgurju tal-Festa |
| 12.00am | Xandira diretta tal-Marċ Popolari tal-Ħadd il-Festa Filgħodu |
| 02.00pm | Ixtri Ġurnata |
| 02.03pm | Rumanz: *L-Imgħallaq bla Ħtija*<br>– kitba ta' Emilio Lombardi, jaqra Alfred Attard |
| 02.30pm | Mill-Istaġun tal-Festi – Gabriel Vella |
| 03.30pm | Tislijiet lil Emigranti – Ivan Cefai |
| 05.00pm | Quddiesa |
| 06.00pm | Rużarju |
| 06.30pm | Xandira diretta tal-Kant tal-Għasar mill-Knisja Arċipretali |
| 07.00pm | Ixtri Ġurnata |
| 07.03pm | Mill-Misraħ<br>• Ħruġ tal-Purċissjoni<br>• Kummentarju waqt il-Purċissjoni<br>• Dħul tal-Purċissjoni<br>• Barka Sagramentali mill-Knisja Arċipretali<br>• Għeluq tal-Festa |
| 11.30pm | Ixtri Ġurnata |
| 11.32pm | Rumanz ® |
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Il-Pontifikal ta' Jum il-Festa ® |
| 02.00am | Il-Marċ ta' Filgħodu ® |

# Programmi

## Bijografiji




### Profil

Il-Qala .. medda ta' art fil-Lvant tal-gżira Għawdxija .. minnha twieldu bosta persunaġġi li kull wieħed skont l-abbilità tiegħu ħallew impatt fuq raħalhom, gżirithom u pajjiżhom. *Profil,* bi produzzjoni ta' Dr Raymond C. Xerri u preżentazzjoni ta' Mario Mifsud, nagħtu ħarsa lejn Qalin li għamlu ġieħ lill-Qala.

## Diskussjonijiet




### Il-Barranin f'Raħalna

Bħalma jixhed l-isem, Ivan Cefai ser ilaqqgħana ma' dawk il-barranin li ddeċidew li jħallu l-pajjiż tagħhom u jiġu jirtiraw fir-raħal tagħna tal-Qala. Jitkellmu magħna dwar kif iddeċidew li jagħżlu r-raħal tagħna u jgħidu kif iħossuhom jgħixu fil-komunita' tagħna.

### Leħen il-Kunsill Lokali

Waqt dan il-programm, fl-istudjows tagħna, Ivan Cefai jilqa' lil membri li jiffurmaw il-Kunsill Lokali tal-Qala sabiex jinfurmawna b'ħidmet il-Kunsill. Kull membru jagħtina tagħrif fuq il-ħidma partikulari tiegħu għall-ġid ta' raħalna. F'dan il-programm qed tingħata wkoll il-possibbiltà lill-pubbliku ġenerali sabiex iwassal l-ilmenti, is-suġġerimenti u d-diffikultajiet tiegħu b'mod kunfidenti u dawn jiġu indirizzati waqt il-programm.

### Sirt Nafek Aħjar

Ivan Cefai jkompli jlaqqgħana ma' persuni kemm mir-raħal tagħna tal-Qala u anke minn barra r-raħal li kellhom jew għandhom ħajja kkulurita u nisimgħu mill-qrib l-esperjenzi tagħhom. Fil-programm nsiru nafu aħjar il-mistednin ta' Ivan

li ser jitfgħu dawl fuq aspetti li jolqtu direttament il-ħajja tagħna.

## *Gameshows*

**Aqta' Din!**




Josianne Bajada, Rossana Cremona, Miriam Mifsud, Jessica Mizzi, Amy Portelli, u Marlene Rapa jirritornaw fl-istudjows ta' Radju Leħen il-Qala bi programm differenti iżda divertenti bħal dejjem. Min jaf x'nistgħu naqtgħu? Jekk tixtieq taqa' din il-mistoqsija segwi dan il-programm kull nhar ta' Ġimgħa f'12.45pm.

**Aqta' l-Leħen**




Dan il-*gameshow* ferm popolari magħkom is-semmiegħa jerġa' jsib postu f'din l-iskeda tal-festa. Programm li fih se jittieħdu frażijiet minn ta' persuni familjari magħkom il-Qalin, filwaqt li intom is-semmiegħa tistgħu tikkompetu sabiex taqtgħu l-leħen immanipulat. Preżentazzjoni ta' Gabriel Vella.

**Aqta' il-Qwiel u l-Ħaġa Moħġaġa**




F'dan il-programm Chelsi Cefai u Noella Mifsud jinqdew permezz ta' għerf u taqbiliet ta' missirijietna biex joffru sfida lis-semmiegħa kollha. Għalhekk kunu ma' Chelsi u Noella kull nhar ta' Ħamis f'12.45pm.

**Aqta' t-Tisliba**




Bil-parteċipazzjoni tas-semmiegħa, ser nilagħbu tisliba kull ġimgħa. Ivan Cefai jkun fl-istudjows jistenna t-telefonati tas-semmiegħa u dawn minn naħa tagħhom jippruvaw jaqtgħu t-tisliba.

**Aqta' Pajjiżi**




6.93 biljun persuna, ħames kontinenti imma fuq liema poplu, nazzjon, lingwa, tradizzjonijiet, drawwiet, lingwa, ħiliet qed jagħtuna l-ħjiel Matthew Bartolo, Ayrton Cremona u Adrian

Vella dil-ġimgħa? Liema pajjiż ser ikun taħt il-lenti tagħna dil-ġimgħa? Aqta' Pajjiżi kull nhar ta' Erbgħa wara nofsinhar.




**Salva lill-Hangman**

Is-sinjali hemm jimtlew. Fin-nofs l-għ, fl-aħħar il-b. Il-minutiera qiegħda ttektek. Ittra oħra invalida, u l-*Hangman* hemm jiżżarma. Ftit ftit.

Logħba universali issa wkoll fuq ir-radju! Nofs siegħa ta' taħbil il-moħħ li b'garanzija se tħallik imwaħħal mar-radju, b'karta u lapes f'idejk. Logħba sempliċi li tagħtik l-opportunità li tikkompeti b'mod dirett ma' semmiegħa oħra. B'din il-verżjoni addatta għar-radju minn Chelsi Cefai u Noella Mifsud, kull nhar ta' Sibt mill-11:30 sa 12:00, INT għandek il-privileġġ li ssalva lill-famuż *Hangman*!

## Informattivi




**Avviżi tal-Parroċċå**

Il-ħajja tal-parroċċa hija waħda attiva. Din l-attività tkompli tiżdied aktar ma' toqrob il-festa Ġużeppina.Ta' kuljum wara r-reċita tal-Angelus ta' nofsinhar u l-kampanja 'Ixtri Ġurnata', Antoine Cini jwasslilna l-avviżi tal-parroċċa ta' matul dak il-jum u tal-ġimgħa li tkun ġejja fuqna.




**Fl-Interess ta' Għawdex u tal-Għawdxin**

Fl-interess ta' Għawdex u tal-Għawdxin... sensiela ta' programmi ta' diskussjoni li fihom se jkunu ttrattati temi li huma ta' interess għall-istudenti... żgħażagħ... familji... żgħar u kbar... għall-ġenerazzjonijiet t'issa u anke dawk futuri... Temi dwar Għawdex u li jinteressaw lill-Għawdxin. Fl-interess ta' Għawdex u tal-Għawdxin... tul din l-iskeda tal-festa, kull nhar ta' Erbgħa fil-11a.m.




**Il-Knisja tal-Qala**

L-Istorja tal-Knisja Parrokkjali tal-Qala, ddedikata lil San Ġużepp, hi minsuġa minn sensiela twila ta' ħidmiet u sagrifiċċji marbutin flimkien b'katina ħelwa ta' mħabba. Tul il-ġrajja tagħha, kienet dejjem l-imħabba li nisslet is-sagrifiċċji u l-ħidma li wasslu fi tmiemu l-edifiċju li aħna llum naraw u ngawdu. Anton Buttigieg P.E.P. fis-sena 1990 fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Ġużeppini tana l-ktieb "Il-Knisja tal-Qala" li fih l-awtur jagħtina pass pass ta' dak kollu li għaddiet minnu l-binja ta' dan it-tempju. Jaqra għalina Frans Ghirxi.




**Il-Psikoloġija tas-Saħħa**

Pamela Portelli f'dan il-programm tittratta l-psikoloġija tal-istress, xi jfisser l-istress, id-differenza bejn stress tajjeb u stress ħażin. Dan il-programm jittratta wkoll temi soċjali u psikoloġiċi f'relazzjoni mal-istress u kif dan jimmanifesta ruħu fuq il-ġisem, l-imġieba, ħsibijiet u emozzjonijiet. Il-programm jagħti wkoll suġġerimenti prattiċi ta' kif wieħed għandu jġib ruħu quddiem l-istress. Tema oħra li tkun trattata f'dan il-programm hija l-vizzji u tipi ta' vizzji differenti fil-kuntest Malti, psikoloġiku, soċjali, emozzjonali, u fiżiku. Il-vizzji prinċipali trattati huma l-alkoħol u s-sigaretti. F'dan il-programm isiru suġġerimenti ta' kif wieħed jista' joħroġ mill-vizzju tas-sigaretti.




**Il-Qala Lura fiż-Żmien**

Karmnu Portelli jittratta diversi temi marbuta mar-raħal tagħna tal-Qala b'ħarsa lura lejn is-snin l-imgħoddija. B'hekk inkunu nistgħu naraw l-iżvilupp li dan ir-raħal għadda minnu partikularment fl-aspett soċjali biex inkomplu nsiru nafu x'wassal lil dan ir-raħal biex ikun dak li hu. Kunu ma' Karmnu kull nhar ta' Ġimgħa fil-11.00am.




**Isma' u Informa Ruħek**
Din hi sensiela ta' programmi mifruxa fuq erba' ġimgħat, wieħed kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa. F'din is-sensiela ser nitkellmu ma' diversi professjonisti bħal ma' huma tabib, avukat, nutar, perit u enġinier u ser nagħmlulhom diversi mistoqsijiet bl-iskop li nitgħallmu minn għandhom kif inġibu ruħna fid-diversi sitwazzjonijiet li nsibu ruħna fihom fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Naturalment kull wieħed jitkellem skont il-professjoni tiegħu. Din is-sensiela hija miġbura u mtellgħa minn Euchar Mizzi u ser tixxandar kuljum mill-10.30am. sal-11.00am. Niltaqgħu!




**L-Ewwel Għajnuna**
Qatt ħsibt x'taqbad tagħmel f'sitwazzjonijiet ta' paniku? Meta xi ħadd iħossu ħażin, issib ma' wiċċek problemi tal-qalb, ksur, ħruq, jew dmija? Jew issib ruħek f'nofs aċċident tat-traffiku jew il-baħar? Qatt għaddhielek minn moħħok int kif tista' tkun t'għajnuna f'każijiet bejn ħajja jew mewt? Dan kollu u aktar b'kollaborazzjoni mal-E.R.R.C, Chelsi Cefai se tistaqsi dawn il-mistoqsijiet u aktar. Kull nhar ta' Tnejn mit-3:00 sat-3:30 ta' wara nofsinhar.

(Dawn is-sensiela ta' programmi mhumiex maħsuba sabiex jieħdu post il-kors tal-ewwel għajnuna.)




**Lejn il-Festa**
John Paul Cefai f'dan il-programm ilaqqgħana ma' diversi għaqdiet mill-parroċċa li għandhom sehem dirett fil-festa tal-Kbir Patrijarka San Ġużepp. Minn dan il-programm is-semmiegħa jkunu informati dwar l-importanza u s-sehem ta' dawn l-għaqdiet.




**Support Line**
L-Aġenzija Appoġġ, Sapport u Sedqa kollha jiffurmaw parti mill-fondazzjoni għas-servizzi soċjali. Imma x'inhuma d-differenzi u x'inhuma l-irwoli tagħhom fis-soċjetà tagħna? Jacqueline Cefai se tlaqqgħna ma' rappreżentanti minn kull aġenzija biex flimkien nitgħallmu iżjed u nkunu aktar konxji tax-xogħol tagħhom.




**Taħditiet fuq l-Agrikultura u l-Ortikoltura**
Għal sena oħra, Ivan Cefai jintervista lis-sur F. J. Saliba N.D.C.H., C.D.H. (UK), eks-uffiċjal ewlieni fid-dipartiment tal-agrikultura. Is-suġġetti diskussi huma xogħlijiet, provi u esperimenti li saru fil-*farm* sperimentali tax-Xewkija, is-siġar taċ-ċitru, is-siġar ta' frott irqiq, il-bexx u s-sustanzi li għandha bżonn kull pjanta li nkabbru.

**OASI.com**
Informazzjoni u intervisti mill-fomm ta' voluntiera u kif ukoll ħaddiema ta' din l-għaqda. Dan il-programm għandu jolqot il-widna ta' kulħadd. Però b'mod partikolari hu indirizzat liż-żgħażagħ li huma aktar esposti li jiltaqgħu ma' vizzji u diffikultajiet fiż-żgħożija. Preżentazzjoni ta' Patricia Buttigieg.

**Taħlita Informattiva**
Għal dawn l-aħħar 38 sena, ir-rivista "Sagħtar" żgur li kienet waħda mis-sorsi edukattivi għat-tfal u l-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. Joseph Cutajar jislet informazzjoni mill-minjiera ta' artikli li kienu ppubblikati f'din ir-rivista u xi ngħidu, daqsxejn ta' mużika tajba ma tonqosx!




**The Beauty Corner**
Dan huwa programm li jittratta dwar kif insebbħu d-dehra tagħna speċjalment ta' wiċċna. Ser nitgħallmu flimkien kif innaddfu wiċċna sew, kif nieħdu ħsiebu u kif napplikaw il-*make-up*. Huwa programm interessanti ħafna speċjalment għan-nisa. Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Angelica Cefai.

## *Kulturali*




**Wirt Għawdex**

Michael Carol Bartolo ser ikellimna dwar tradizzjonijiet li rari għadna nisimgħu bihom, kliem Għawdxi li kważi ntesa, postijiet ta' interess li ftit nafu dwarhom, oġġetti arkeoloġiċi li ftit smajna dwarhom, speċi ta' natura li huma rari ħafna u fl-aħħar u mhux l-inqas dwar anke l-ambjent naturali (bajjiet, kampanja, eċċ) li Għawdex huwa mogħni bihom.




**Mill-Istaġun tal-Festi**

Ta' kull nhar ta' Ħadd, Radju Leħen il-Qala qed jippreżenta permezz tal-preżentatur żagħżugħ, Gabriel Vella sensiela ta' programmi li fihom tingħata ħarsa lejn il-festi li jkunu qed jiġu ċċelebrati kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex. Pinzellati ta' tagħrif dwar statwi, baned u parroċċi differenti u xi daqqa banda ma tonqosx.




**Siegħa Għana mal-Basli**

Il-ħakmiet differenti li kellha l-gżira Maltija spiċċaw influwenzaw mod għajxien il-Malti, il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħha. Waħda mit-tradizzjonijiet li ħallewlna missirijietna huwa l-għana Malti. Raymond Buttigieg, *il-Basli*, jdewwaqna xi ftit għana Malti fil-forma ta' spirtu pront, għana tal-fatti, makjetti, gadanza fit-tul u għana mgħaġġel fost oħrajn. Programm li żgur m'għandkomx titilfu.

## *Letteratura*




**Rakkont**

*L-Imgħallaq bla Ħtija*

Mikiel u Duminku kienu żewġ ġuvintur ġejjin minn familja ferm fqira minn Birkirkara. Darba, waqt li kienu qegħdin jonsbu ġewwa s-Salina semgħu lil min jgħajjat għall-ajjut u wara li fittxew mnejn kien ġej dak l-għajat, sabu lil Marjanu Inguanez

mgħaddas ġo għadira kollha ħama. Wara li tellgħuh mill-għadira Marjanu ntilef minn sensih u meta ż-żewġ żgħażagħ marru biex jagħmlu rapport lill-pulizija spiċċaw biex ġew mixlijin li kienu huma li ppruvaw joqtluh biex jeħdulu dak li kellu fuqu. B'xorti tajba Marjanu ma damx ma reġa' ġie f'sensih u għarraf lill-pulizija li ma kinux dawk iż-żewġ ġuvintur li tefgħuh fil-ħama imma kienu huma li salvawh mill-għarqa.

X'ġara wara li Marjanu ħareġ mill-isptar u min kien dak pprova joqtlu?... Alfred Attard jaqra dan ir-rakkont ta' Emilio Lombardi u finalment insiru nafu li min ixerred id-demm ta' għajru fl-aħħar jiġi kkastigat.




## Il-Forza tad-Destin

F'dan ir-rumanz insibu l-istorja ta' tifel li f'ħajtu kien ferm sfortunat għax sa minn meta kien żgħir sab ruħu f'istitut tat-tfal abbandunati wara li l-għedewwa ta' missieru tefgħu fuqu l-ħtija ta' delitt li huwa qatt ma kien għamel. Ibnu għaraf lil missieru bħala innoċenti u dejjem kellu f'rasu li jsib min kien il-veru assassin tal-bankier Mauro Mercantone. Dak li għadda Ernesto Monet, iben Pietru, jurina l-qawwa ta' dan iż-żagħżugħ li jibqa' jiġġieled kontra l-Forza tad-Destin sakemm isib il-verità. Rumanz ta' Emilio Lombardi, jaqra Mario Mifsud.




## Stejjer Qosra ma' Victor

Bħal fl-iskedi li għaddew, Victor Grech, ta' kull nhar ta' Erbgħa, iwasslilna mill-ġdid għadd ta' stejjer qosra li żgur jappellaw għall-ġurnata ta' llum. Xi ħsieb dwarhom ma jonqosx!




## Żmien il-Ħsad

F'dan il-programm Tereżina Cutajar tlaqgħana' mal-pinna ta' George Cassar permezz tal-kitba li nsibu fil-ktieb tiegħu. Din id-damma ta' kitbiet imżewqa b'xi mod jew ieħor kollha jitfgħu dawl fuq in-nisġa ta' relazzjonijiet li teżisti bejnietna l-bnedmin u li magħha hemm imsensla varjetà li tħawwar il-ħajja.




**Għodwa ta' Festa**

Ingħaqad ma' Karl Buttigieg u Jacqueline Cefai għal *breakfast-show* tal-Ħadd filgħodu. Matul il-programm ser ningħaqdu ma' parroċċi differenti minn madwar il-gżejjer Maltin għall-konċelebrazzjoni pontifikali tal-festi:

- tal-Madonna tas-Sokkors minn ġewwa Kerċem
- ta' San Ġorġ minn ġewwa l-Belt Victoria
- tal-Madonna tal- Karmnu minn ġewwa ż-Żurrieq
- ta' San Duminku minn ġewwa l-Belt Valletta

Xi daqsxejn mużika, kompetizzjoni u informazzjoni ma jonqsux flimkien mar-rokna fejn l-Arċipriet, kif ilu jagħmel għal diversi xhur u snin, kull nhar ta' Ħadd ikun magħna sabiex jagħtina informazzjoni marbuta mal-ħajja tal-parroċċa, b'mod partikulari l-kontenut tal-Bullettin ta' kull ġimgħa.




**Mal-Bidu tal-Weekend**

Huwa importanti li niddevertu u nirrilassaw billi nisimgħu xi kanzunetti li baqgħu jdoqqu 'l widna aktar wara li għaddew xi snin minn fuqhom. Imma huwa importanti ukoll li mal-mużika ngħaddu ukoll xi tagħrif u informazzjoni li tista' tkun utli għas-semmiegħa tagħna. Dan huwa dak li ser jagħtuna Rodiann Abela u Melanie Cefai f'dan il-programm kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar. Rokna minn dan il-programm ser tkun dedikata lit-tfal tal-ħames u s-sitt sena tal-iskola primarja fejn ser ikollhom l-opportunità li għal ftit ħin ikunu huma d-DJ's fuq ir-radju.




**News Update**

It-*trio* Matthew Bartolo, Ayrton Cremona u Adrian Vella joffrulna dan il-programm fil-bidu tal-ġimgħa billi joffrulna informazzjoni fuq ġrajjiet kurrenti. Kunu magħhom kull nhar ta' Tnejn fid-9.15pm.

**Qomna Jew?!**

Il-*breakfast-show* ferm popolari ta' Radju Leħen il-Qala li ta' kull filgħodu jkun miegħek b'irkejjen interessanti, tagħrif, kompetizzjonijiet, sorpriżi u fuq kollox mużika tajba. Ikollna diversi rkejjen fostom:

- **Konċiż** - 5 minuti ta' fatti u kurżitajiet ... kollox fil-qosor ... kollox KONĊIŻ. U jekk intom ħarira kurjużi – stennew din ir-rokna ppreparata għalina minn Chelsi Cefai.
- **Illum il-Qala fl-Imgħoddi** - Qatt ħsibt bħal lum il-ġurnata x'avveniment ġara fir-raħal tiegħek? Fuq riċerka ta' Dr Raymond C. Xerri, ser immorru lura fiż-żmien u naraw missirijietna ma xiex kellhom iħabbtu wiċċhom.

Għalhekk tinsewx, li Karl u Jacqueline jkunu wara l-mikrofonu ta' dan l-istazzjon kuljum mit-Tnejn sas-Sibt, mit-8.00am 'il quddiem, għal mija u għoxrin minuta ta' divertiment kontinwu u garanzija tal-aħjar bidu għall-ġurnata tiegħek!

## *Mużikali*

**60's Afternoon**

Ċerti kanzunetti ħallew timbru mhux biss fuq l-istorja nnifisha iżda anke għadhom u jibqgħu friski fil-memorja tagħna. Għanjiet tal-passat li huma favoriti ma' ħafna. Hekk ħa jsemmgħulna Nancy Xerri u Antoine Cini f'dan il-programm nhar ta' Erbgħa wara nofsinhar fejn se jeħodna lura fiż-żminijiet sittin u jdewquna suċċessi mill-imgħoddi.

**106.3 Italia**

Radju Leħen il-Qala jaħseb għal kulħadd anke f'dawk is-semmiegħa li jħobbu l-kanzunetti mill-Italja tal-passat u tal-mument. Ningħaqdu għalhekk ma' Gordon Mifsud kull nhar ta' Tlieta filgħaxija għal taħlita mużikali mill-peniżola Taljana.




**Delirium**
Jessica Cefai ser tkun magħna biex twasslilna kanzunetti li fil-preżent qed jiddominaw iċ-*charts* tal-mużika fl-Ewropa u fl-Amerika. Ma jonqosx li nisimgħu wkoll xi kanzunetti mir-repertorju ta' David Guetta u Akon.




**Friday Afternoon**
Hekk iġib l-isem tal-programm li ser iżommlok kumpanija kull nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. Siltiet indimentikabli li żgur ser jolqtu l-gosti tagħkom is-semmiegħa. Marcell Mejlaq ser ikun magħna biex idewwaqna ftit mis-suċċessi mużikali li kkaratterizzaw epoki differenti.




**Highlights**
Albert Mizzi jkun magħna kull nhar ta' Sibt filgħaxija biex idewwaqna ftit mużika ta' kull żmien. Jagħtina mużika li lkoll nafuha, sabiex iġibilna nostalġija għall-passat. Jagħtina mużika li mhix daqshekk popolari ħalli niffamiljarizzaw ruħna magħha u kif ukoll idaħħalna fix-xena tal-mużika tal-mument.




**Implosion**
Żagħżugħ/a? Tħobb il-mużika moderna speċjalment dik *Trance*? Il-Ġimgħa filgħaxija ibda l-*weekend* tiegħek billi tintona r-radju tiegħek fuq 106.3FM. Manuel Mizzi żgur li għandu t-taħlita ideali għalik.




**Irrid Infaħħrek**
Bl-istil tiegħu Joe Mejlaq iwassal mużika *Praise* kull nhar ta' Ħadd filgħaxija. Il-mużika u t-talb isiru ħaġa waħda f'ambjent fejn tinħass tassew il-preżenza tal-Mulej.




**Latest Hits**
Christoph Caruana u Malcolm Cefai permezz ta' dan il-programm ta' kull ġimgħa se jkunu magħna permezz ta' dan il-programm biex jagħtuna d-daqqa tal-mument imżewqa b'taħlita ta' informazzjoni mix-xena nazzjonali u internazzjonali.




**Melange**
Kif l-isem stess jindika, dan il-programm hu wieħed imżewwaq. Jinkludi informazzjoni, kurżitajiet u mużika varja minn repertorju kemm lokali u kemm barrani. Dan huwa l-aħjar mod biex tgħaddi siegħa rilassata fil-kumpanija ta' Josef Abela.




**Mar-Ritmu tal-Banda**
Il-marċi huma għal qalb is-semmiegħa kollha ta' 106.3FM. Għalhekk ma jonqosx li Karmnu Mizzi ta' kull nhar ta' Tlieta isemmagħlna marċi popolari minn baned Maltin u Għawdxin, fosthom mill-banda tagħna *Ite ad Joseph*.




**Monday Night Dance**
Għal sena oħra, Norbert Grima jżomm kumpanija lis-semmiegħa tagħna t-Tnejn filgħaxija bid-diski u aħbarijiet strambi filwaqt li jistiednu lis-semmiegħa jagħmlu kuntatt magħhom permezz tal-*facebook* u mezzi oħra.

**Music Matters**
Il-programm mużikali fejn fih nisimgħu mużika *Minimal, House* u *Techno*. Mużika li tolqot ferm iż-żgħażagħ tal-lum. Il-programm li għandek tisma għall-mużika ġdida u moderna. Mużika li forsi tiġi relatata ma' ċerti vizzji narawha u nisimgħuha minn angolu differenti. Dan kollu ma' Nathan Portelli.

**Music Menu**
Mużika varjata, ta' kull ġeneru u era huma l-ingredjenti essenzjali li jiffurmaw l-għażla mużikali waqt il-programm *Music Menu*. Kull nhar ta' Ħamis bejn it-7.45pm u d-9.15pm spiċċa il-ġurnata tiegħek fil-kumpanija ta' Sammy Mejlaq dejjem fuq 106.3FM.




**Mużikomania**
Charles Portelli jerġa' jkun wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala biex idewwaqna mużika varjata, li hija l-ingredjent prinċipali ta' dan il-programm.




**Only Country**
Il-mużika *Country* hija dik it-tip ta' mużika li tindaqq f'dan il-programm ma' Ivan Cefai li ser jitfagħna f'dinja tal-*Country* u l-*Western*. Mhux il-mużika biss tagħmel dan il-programm, iżda partikularment it-tellfonati u l-messaġġi għandhom sehem importanti fih.




**Romantiċi**
X'hemm isbaħ milli nhar ta' Tnejn wara nofsinhar tirrilassa xi ftit bil-mużika melodjuża b'tema romantika? Josephine Xuereb ser tkun wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala sabiex tpaxxina b'din it-tip ta' mużika.

**S&I**
Bħalma kien fi skeda preċedenti, dan il-programm żgur li jinżel għasel ma' dawk kollha li jħobbu programm varjat u mhux bħal tas-soltu. Jippreżentaw id-*duo* Ivan Cefai u Savio Portelli. Dan hu l-aħjar mod biex tgħaddi l-lejla tal-Erbgħa filgħaxija b'mod simpatiku u b'laqta komika fil-kumpanja ta' S&I!




**Saturday Hits Selection**

Joseph Mizzi jingħaqad mal-preżentaturi ta' Radju Leħen il-Qala permezz tal-programm tiegħu kull nhar ta' Sibt wara nofsnhar. F'dan il-programm Joseph jagħtina mużika minn kategoriji differenti biex hekk jolqot is-semmiegħa kollha ta' RLQ.




**Spotlight**

Albert Mizzi jagħtina programm ieħor ta' mużika. Din id-darba f'kull programm Albert ser jiffoka fuq tlett *duo*, grupp jew persuna partikulari, u jagħtina informazzjoni dettaljata fuqhom flimkien mal-mużika.




**Tagħna f'Tagħna**

Charles Portelli u l-programm *Tagħna f'Tagħna*, huma lura fuq Radju Leħen il-Qala għal skeda oħra. Kull fejn tmur, importanti li qatt ma tinsa l-oriġini tiegħek. Tul id-disgħin minuta li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, Charles ser jagħtina mużika minn artisti lokali. Jekk huma l-*Wintermoods*, Ira Losco, *Chasing Pandora*, Freddie Portelli, *The Tramps,* Chiara, Sammy Bartolo, Philip Vella, Enzo Gusman, *The Greenfields*, Mike Spiteri u oħrajn, dawn huma kollha kantanti bravissimi mill-gżejjer tagħna.




**The Golden Era**

Id-*duo* Alex Cali u Ivan Cefai jerġgħu jsibu posthom wara l-mikrofonu ta' Radju Leħen il-Qala biex bil-mod karatteristiku tagħhom iwasslulna l-mużika flimkien ma' informazzjoni relatata. Għalhekk is-semmiegħa għandhom jagħmlu appuntament ma' Alex u Ivan kull nhar ta' Sibt fit-8.00pm.

zoom
with Loren and Patricia

**Zoom**

Loren u Patricia Buttigieg iwasslulna programm mużikali b'kanzunetti minn diversi artisti li preżentament qed jagħmlu suċċess fix-xena

tal-mużika. Hemm kanzunetti li għamluha sal-quċċatta taċ-*charts*, imma hemm oħrajn li ma rnexxilhomx jagħmluha sal-quċċata imma xorta huma kanzunetti li jappellaw lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Zoom, ta' kull nhar ta' Ħamis, jagħti ħarsa lejn dan kollu.

## *Reliġjużi*



**Għaliex Għandek Tkun Kristjan u Nisrani**
Għal ħafna, ir-reliġjon hi xi ħaġa fil-bogħod, teoretika. Il-ħajja hi ħaġa oħra. Ir-reliġjon hi duħħan u paroli. U fuq kollox tad-dwejjaq. Għala hemm bżonn li temmen f'Alla? Il-Kristjaneżmu huwa l-iktar triq sempliċi lejn il-verità, u allura lejn il-ferħ: f'dan il-programm Jessica Mizzi permezz tal-ktieb *10 Raġunijiet Għaliex Għandek Tkun Kristjan u Kattoliku* turina dan. Kitba ta' Bruno Forte.




**Il-Ħsieb tal-Jum**
Dun Mikiel Borg ta' kull għodwa ser jagħtina ħsieb marbut mal-ġurnata.




**Il-Knisja Tfakkar Illum**
Ta' kuljum, għal ħabta ta' nofsinhar, flimkien Mary Josette Scerri nagħtu ħarsa lejn il-qaddis tal-jum bi ħsieb qasir li jiggwidana matul il-bqija tal-ġurnata.




**Il-Kuraġġ li Niġġeddu**
Dun Mikiel Borg permezz ta' dan il-programm jurina kif in-nisrani jista' jilħaq is-sejħa tiegħu għall-konverżjoni permezz ta' diversi temi diskussi. Il-mistednin fil-panel tad-diskussjoni jwassal għal profondament ta' din it-tema.




**Il-Lezzjoni ta' Toni**
Fuq nota spiritwali s-Soċju tal-MUSEUM Toni Caruana jwasslilna dan il-programm b'rabta ma' diversi esperjenzi meħuda mill-ħajja ta' kuljum. Aċċenn għall-ispiritwalita' Mużewmina ma tonqosx.




**Il-Ministerjalità fil-Knisja**
Il-parteċipazzjoni u l-korresponsabbiltà tal-lajċi jintwerew l-aktar fil-qadi tal-ministeri. L-inkorporazzjoni tal-lajċi fi Kristu tagħmilhom mhux biss operaturi tal-evanġelizzazzjoni tad-dinja imma anke "kollaboraturi mar-rgħajja tagħhom fis-servizz tal-komunità billi jħaddmu ministeri l-aktar varji, skont il-grazzja u l-kariżmi li l-Mulej jogħġbu jqassam fosthom". Dawn il-ministeri huma servizzi rikonoxxuti leġittimament jiġifieri jagħmlu parti mill-istruttura u organizzazzjoni tal-komunità ekkleżjali. F'dan il-programm l-Arċipriet jittratta d-diversi ministeri fil-Knisja kull nhar ta' Erbgħa.




**Il-Mirakli Ewkaristiċi**
F'ħafna okkażjonijiet fl-istorja tal-Knisja, Alla ppermetta li jsiru mirakli biex isaħħaħ it-tagħlim Kattoliku li jsostni li mal-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-quddiesa, il-ħobż u l-inbid fuq l-artal jinbidlu verament fil-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. F'dan il-programm, l-aħwa Christina u Francesca Cremona ser jagħtuna ħarsa lejn uħud minn dawn il-mirakli li seħħew tul l-istorja.




**Ixtri Ġurnata**
Ir-rokna fejn is-semmiegħa tagħna joffru xi ġurnata partikulari skont l-intenzjoni tagħhom tixxandar erba' darbiet kuljum matul l-iskeda kollha fil-ħinijiet tat-8.30am, 12.00pm, 6.00pm, u fis-7.35pm.




**Kristu, Għemilu u Tagħlimu**
Min hu Kristu għalik? Kemm int midħla ta' dak li għamel u għallem? X'taf dwar il-ħajja tiegħu fuq l-art? Dawn id-domandi jeħtieġu tweġiba sinċiera, vera u preċiża. It-tweġibiet insibuhom f'dan il-programm. Tul dan il-programm Josephine Galea tagħtina materjal mill-ktieb ta' Dun Piet Sammut dwar Kristu. L-awtur joffrilna tagħrif tassew utli u meħtieġ għalina. Hu jippreżentalna ġabra ta'

ġrajjiet li Ġesù għadda fostna u jikxfilna ħafna minn dak li kien moħbi wara l-azzjonijiet ta' Ġesù.




**Maż-Żerniq fit-Talb**

X'ħin tqum filgħodu, kif tiftaħ għajnejk, tinduna li l-lejl għadda u se tibda ġurnata ġdida. X'hemm isbaħ milli tgħolli ħsibijietek 'il fuq u tirringrazzja lill-Ħallieq? Permezz ta' dan il-programm, immexxi minn Josephine Cefai, Radju Leħen il-Qala jgħinek tagħmel dan.




**Mil-Leġjun ta' Marija**

Programm ta' nofs siegħa mtella' mill-għaqda tal-Leġjun ta' Marija fil-Qala fejn fih ser tingħata ħarsa lejn il-ħidma tal-Leġjun fil-parroċċa tagħna, fid-djoċesi Għawdxija u madwar id-dinja.




**Niftakru fl-Erwieħ tal-Purgatorju**

F'dan il-mument niftakru fl-għeżież ħutna li l-ħajja tagħhom fuq din l-art intemmet u qed jistennew sabiex jingħaqdu fil-ferħ ta' dejjem.




**Nirriflettu Ftit**

Ħsibijiet spiritwali għal kuljum huma parti minn din l-iskeda. It-Tnejn il-programm ikun f'idejn Marinton Mizzi, it-Tlieta Sr Lauretana Cassar, l-Erbgħa Agatha Vella, il-Ħamis Nancy Xerri, il-Ġimgħa Josephine Cefai u fl-aħħarnett is-Sibt f'idejn Mary Josette Scerri.




**Nitolbu bl-Evanġelju**

L-ispjega tal-liturġija tal-Ħadd ikompli jagħtihielna Karmnu Portelli kif ilu jagħmel kull nhar ta' Sibt matul is-sena kollha. Dan il-programm ikollu ripetizzjoni l-Ħadd filgħodu.




**O Ġużeppi Missier Tagħna**

It-talb ta' tifħir u interċessjoni lil San Ġużepp ma jistgħux jonqsu. F'dan il-mument aħna mistiedna sabiex flimkien ningħaqdu u nitolbu lil dan il-qaddis Patrun tal-Knisja Universali.



**Quddiesa**

Matul din l-iskeda speċjali Radju Leħen il-Qala mit-Tnejn sas-Sibt ixandar tliet quddisiet kuljum: dik tal-5.00am, tat-8.00am u tas-7.00pm. Il-Ħadd imbagħad il-Quddies ikun fil-5.30am u fil-5.00pm filwaqt li fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu jiġu mxandra diversi pontifikali minn diversi bliet u rħula madwar il-gżejjer Maltin. Jixxandru wkoll b'mod dirett il-quddies tal-Erbgħat ta' San Ġużepp, tan-Novena u t-Tridu tal-Festa.



**Rużarju**

L-akbar ġieħ li nistgħu nagħtu lil Madonna hija li ta' kuljum nirreċitaw it-talba tar-Rużarju Mqaddes. Għalhekk ta' kuljum fis-6.00am u f'12.00am ningħaqdu flimkien mas-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan għat-talba tar-Rużarju. Fis-6.30pm imbagħad ningħaqdu f'xandira diretta mal-Knisja Arċipretali, għal reċita oħra tar-Rużarju.




**Wilġa Biblika**

Dan il-programm jittratta temi bibliċi importanti għall-ħajja tal-bniedem. Fil-Bibbja, il-Kelma ta'Alla, il-bniedem isib dik il-medda ta' art – għalhekk semmejnieh "wilġa" – fejn isib il-veru ikel u xorb li jxebbgħu lir-ruħ tiegħu. It-temi huma ppreparati mill-biblista Dun Charles Buttigieg, studjuż tal-ilsna oriġinali.




**Xhieda Qaddisa**

Ilkoll kemm aħna msejħa sabiex insiru qaddisin. Iċ-ċkejkna Monique Mizzi ser tagħtina bijografiji ta' xi qaddisin li aħna nistgħu nimitaw.




**Il-Ħajja: x'valur għandha llum**
Ġrajjiet kurrenti dwar il-Ħajja bi stejjer reali. Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Maria Attard.

## *1996 – 2012 RLQ*

**Mill-Arkivji ta' Radju Leħen il-Qala**
Tul dawn is-16-il sena Radju Leħen il-Qala xandar 'il fuq minn mitt elf siegħa ta' xandir. F'din in-nofs siegħa ser nissiltu xi materjal rekordjat li xxandar fil-passat.

## *Sportivi*

**Sports Connection**
Huwa veru li fis-Sajf il-kampjonat tal-futbol ikun kważi wieqaf u l-attenzjoni tagħna tkun l-aktar fuq it-*transfers* tal-players bejn *club* u ieħor. Madankollu hemm sport ieħor li jkun ipprattikat fix-xhur tas-Sajf. Il-*waterpolo*, il-MotoGP u l-Formula 1, it-*tournament* tat-tennis u sport ieħor huma fost it-temi ta' diskussjoni li ser tkun għaddejja fl-istudjows flimkien ma' Marcell Mejlaq u Kenny Grima. Ħarsa lejn l-istaġun li ġej għal *Qala Saints* ma tonqosx.

## *Xandiriet*



Radju Leħen il-Qala, f'diversi attivitajiet u ċelebrazzjonijiet joħroġ 'il barra mill-istudjows. Permezz ta' diversi kollegamenti jwassal lis-semmiegħa tiegħu dak kollu li jkun qed iseħħ partikularment iċ-ċelebrazzjonijiet fil-ġimgħa tal-festa.

# messaġġ

Ix-xahar ta' Lulju jġib miegħu bidu ta' skeda ġdida li għal dawn l-aħħar 16-il sena Radju Leħen il-Qala jħejji bi preparazzjoni għal festa oħra *ad unur* il-Patrun tagħna San Ġużepp. Skeda li ser tkun mifruxa fuq 4 ġimgħat sħaħ li permezz tal-ħidma ta' bosta voluntiera ser inkunu inwasslulkom ġewwa djarkom programmi li jolqtu l-gosti ta' kulħadd.

RLQ ħa ħsieb li s-servizz tiegħu ma jkunx biss li jwassal programmi permezz tar-radju biss imma jkompli jkabbar is-servizz li jagħti lis-semmiegħa anke bil-viżiv. Bħalma matul din is-sena kollha dan l-istazzjon tas-servizz tiegħu permezz tax-xandir bil-viżiv mill-pjazza, bħalissa qed naħdmu biex dan is-servizz ikun estiż mill-knisja permezz ta' *camera* installata b'mod permanenti. B'hekk intom is-semmiegħa l-aktar l-emigranti tkunu tistgħu ssegwu ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jkunu għaddejjin ġewwa l-Knisja Arċipretali. Dan huwa servizz ieħor li RLQ qed jistinka li jwettaq f'dawn il-ġimgħat b'mod speċjali għas-servizz tal-emigranti tagħna. Ilkoll nafu kemm l-emigranti jkunu tant ħerqana li jsegwu dak kollu li jkun għaddej ġewwa r-raħal tagħna. B'hekk issa l-emigranti mhux biss ikunu jistgħu jsegwu dak kollu li jkun qiegħed jiġri ġewwa l-pjazza, imma wkoll ikunu jistgħu jsegwu l-funzjonijiet kollha ta' ġewwa l-knisja.

Dan kollu hu possibbli biss permezz tal-ħidma tal-Amministrazzjoni u l-voluntiera kollha tal-istazzjon. Radju Leħen il-Qala ma jxandarx biss f'dawn l-erba' ġimgħat tal-festa iżda jkun ta' servizz għas-semmiegħa tiegħu tal-qrib u tal-bogħod tul is-sena kollha. Ħalli f'din l-okkażjoni nieħu din l-opportunità u nirringrazzja lil Arċipriet u l-kleru tal-parroċċa, lill-amministrazzjoni, il-preżentaturi u t-tekniċi ta' RLQ tas-sagrifiċċji sħaħ biex għal darb'oħra nkunu nistgħu ntellgħu skeda oħra ta' livell għoli. Ringrazzjament ieħor imur għall-benefatturi kollha għax bihom biss RLQ jista' jibqa' jitwassal ġewwa id-djar tagħkom.

F'ismi u f'isem l-amministrazzjoni ta' RLQ nawguralkom festa Ġużeppina mill-isbaħ.

Grazzi.

*Ivan*

# *L-ilħna li jagħmlu l-leħen*

Arċ Dr. Joe Zammit
Abela Josef
Abela Rodiann
Attard Maria
Attard Alfred
Azzopardi Joseph
Bajada Josianne
Bartolo Matthew
Bartolo Michael Carol
Bonnici Matthew
Borg Dun Mikiel
Buttigieg Clayton
Buttigieg Dylan
Buttigieg Fr. Charles
Buttigieg Karl
Buttigieg Loren
Buttigieg Patricia
Buttigieg Raymond
Cali Alex
Camilleri Joey
Caruana Christoph
Caruana Toni
Cassar Sr. Lauretana
Cefai Angelica
Cefai Chelsi
Cefai Glorianne
Cefai Ivan
Cefai Jacqueline
Cefai Jessica
Cefai Johan
Cefai John Paul
Cefai Joseph Michael
Cefai Josephine
Cefai Malcolm
Cefai Melanie
Cini Antoine
Cini Joseph
Cremona Ayrton
Cremona Christina
Cremona Francesca
Cremona Rossana
Cutajar Joseph
Cutajar Tereżina
E.R.R.C.
Farrugia Joseph
Galea Josephine
Ghirxi Frans
Grech Victor
Grima Kenny
Grima Norbert
Kunsill Lokali Qala
Leġjun ta' Marija
Mejlaq Joe
Mejlaq Marcell
Mejlaq Sammy
Mifsud Gordon
Mifsud Mario
Mifsud Miriam
Mifsud Noella
Mizzi Albert
Mizzi Euchar
Mizzi Jessica
Mizzi Joseph
Mizzi Karmnu
Mizzi Manuel
Mizzi Marinton
Mizzi Monique
OASI
Pisani Philip
Portelli Amy
Portelli Charles
Portelli Karmnu
Portelli Nathan
Portelli Pamela
Portelli Savio J.
Rapa Marlene
Saliba Frans J.
Scerri Marie Josette
Scerri Nancy
Schwaiger Christoph
Vella Adrian
Vella Agatha
Vella Eemer
Vella Gabriel
Xerri Dr Raymond C.
Xuereb Josephine


L-Amministrazzjoni
u l-Voluntiera kollha
ta' Radju Leħen il-Qala
jawguraw lilkom ilkoll
il-Festa t-Tajba